# IL-KAŻ KURJUŻ TA' ROSA MIFSUD, 1774

Wieħed mill-aktar każijiet kurjużi fl-istorja medika ta' Malta huwa bla dubju ta' xejn dak ta' Rosa (jew Rosaria) Mifsud minn Ħal Luqa. Dan il-każ, li seħħ fl-1774, ma kienx irrappurtat minn Dun Ġużepp Micallef fil-ktieb tiegħu *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* (1975), aktarx minħabba in-natura kontroversjali tiegħu.

Dan il-każ kien investigat għall-ewwel darba mill-istoriku Dr Paul Cassar,[1] li ppubblika l-istħarriġ tiegħu, intitolat 'Change of Sex Sanctioned by a Maltese Law Court in the 18th Century', fil-*British Medical Journal* tal-11 ta' Diċembru 1954.[2] Fuq din il-ġrajja tassew stramba kitbu wkoll Dr Giovanni Bonello[3] u Dr Robert Attard.[4]

Fir-reġistri parrokkjali ta' Ħal Luqa nil-taqgħu mal-magħmudija ta' ċerta Primitiva Rosa Mifsud, bint Ġużeppi u Tereża, li ġġib id-data tat-8 ta' April 1755.[5] Għaldaqstant, meta ġara l-każ, Rosaria kellha 19-il sena (u mhux 17 jew 18 kif isostnu d-dokumenti ta' dak iż-żmien). Jista' jkun li kienu jsejħulha Rosa għax l-ewwel isem tagħha, Primitiva, kien stramb wisq.

## Sfond storiku

F'dan iż-żmien Ħal Luqa kien raħal fqir u tassew ċkejken. Il-popolazzjoni kienet ilha tonqos sa minn madwar l-1760, hekk li fl-1778 kien hawn biss 994 ruħ jgħixu hawn.[6] Il-parroċċa kienet f'idejn Dun Mikiel Maxta (1760-95). Hu kien appuntu l-ewwel kappillan Ħal Luqi li serva fir-raħal; meta ġara l-każ, hu kien ilu erbatax-il sena f'din il-kariga.

Fl-1773 l-Ordni ta' San Ġwann kien għadu kif qasam lil Malta f'distretti ġodda, u Ħal Luqa bdiet tagħmel parti mid-distrett ta' Ħal Qormi. Is-sindku kien Giovanni Battista Farrugia; il-ġurat kien Antonio Cassar; u Giuliano Zammit kien il-katapan. L-ordni pubblika kienet prat-tikament f'idejn Cassar, billi kien mir-raħal stess u kien jaf in-nies sewwa.[7] Il-katapan kellu jikkontrolla l-ħwienet tal-merċa u dawk li jbigħu l-qamħ.

Il-Gran Mastru ta' l-Ordni kien Francisco Ximenes de Texada, li kien għadu kif issuċċieda lil Pinto fl-1773. Ma tantx kien mexxej popolari, l-aktar minħabba l-fatt li abolixxa l-kaċċa tal-fenek - xi ħaġa li għaddbet lil kulħadd. Ma damx isaltan wisq għax miet fl-1775.

## Id-djarju ta' Michele Aprile

Fid-djarju ta' Michele Aprile,[8] naqraw li f'Ġunju ta' l-1774 f'Ħal Luqa kienet tgħix xebba ta' tmintax-il sena bl-isem ta' Rosaria Mifsud. Missierha kien negozjant li fost ħafna affarijiet oħra kien ibigħ iċ-ċereali. Meta n-nisa kienu jmorru jixtru ċ-ċereali fil-ħanut ta' missierha, mhux l-ewwel darba u tnejn li din Rosaria kienet tixħet għajnejha fuq xi waħda mis-sbieħ fosthom u toqgħod tikkarezzaha. Kultant kienet saħansitra tħajjar xi waħda minnhom tidħol magħha fil-kamra ta'

ġewwa sabiex ikollhom x'jaqsmu sesswalment. Biex tpattilhom għall-favur, Rosaria normalment kienet tagħtihom ix-xirja b'xejn.

B'hekk jidher li minn barra Rosaria kellha aktar il-karatteristici ta' raġel milli ta' mara. Aprile, fil-fatt, ħass il-ħtieġa jgħidilna wkoll li Rosaria kienet tagħmel l-ilma bħall-irġiel. Ir-raħal kollu sar jaf b'dawn l-intriċċi tassew skandalużi, u l-għejdut ma damux wisq ma waslu f' widnejn il-Gran Mastru Ximenes li ħatar kummissjoni ta' tobba apposta biex jagħmlu spezzjoni medika fuq Rosaria. Fir-rapport tagħhom l-esperti kkonfermaw li l-karatteristiċi sesswali ta' Rosaria kienu aktar maskili milli femminili, u li kien hemm il-biża' li setgħet ittaqqal xi waħda min-nisa li kienu jmorru jixtru mingħandha.

Meta tlesta, ir-rapport kien ippreżentat lill-Gran Mastru, li min-naħa tiegħu ordna li Rosaria, minn hemm 'il quddiem, b'piena ħarxa mdendla fuq rasha, kellha bilfors tilbes ħwejjeġ ta' l-irġiel.[9] Rosaria issa kienet tidher aktar pulita, b'aspett ta' ġuvni attraenti. Madankollu xorta baqgħet titkellem u tiġġestikola bħallikieku mara. Kienet tinnittja l-kalzetti u tagħmel iż-żigarelli; kienet ukoll tħit l-uniformijiet tar-Reġiment Malti flimkien ma' ħajjata oħra.

**Il-verżjoni uffiċjali**

Skond dokument uffiċjali tal-Qorti,[10] fl-1774, Rosa Mifsud, żagħżugħa ta' sbatax-il sena minn Ħal Luqa kienet is-suġġett ta' inkjesta ġudizzjali minħabba l-fatt li kienet ermafrodit. Ermafrodit hu xi ħadd, li bi skerz tan-natura, ikollu l-organi reproduttivi ta' raġel u ta' mara fl-istess ħin.[11] Rosa, fil-magħmudija, kienet iċċertifikata bħala tifla minħaba n-natura tal-partijiet tagħha, hekk li anki meta kibret baqgħet tilbes ħwejjeġ tan-nisa, għad li kellha fattizzi u vuċi maskili.

Mifsud, biex telimina din l-ambigwità darba għal dejjem, għamlet petizzjoni lill-Gran Mastru Ximenes sabiex quddiem il-liġi tiġi rrikonoxxuta bħala raġel. Ximenes, qabel kollox, ried verifika konkreta, u għalhekk ordna inkjesta formali. Iż-żewġ tobba mibgħutin mill-Gran Mastru kienu Giorgio Imbert, *prothomedicus* (jiġifieri t-tabib ewlieni tal-Gvern) u Antonio Cabanez, wieħed mill-kirurgi superjuri tas-Sagra Infermerija. Huma eżaminaw lil Mifsud bir-reqqa kollha u kitbu rapport mill-aktar iddettaljat dwar il-karatteristiċi kemm femminili kif ukoll maskili tagħha. It-tobba ddeskrivew lil Rosa bħala tfajla rqiqa, b'wiċċ tawwali u ġilda pjuttost xotta. Ir-rapport kien jgħid li għalkemm ma kellhiex sider tipiku ta' mara, fil-fatt kellha xi wħud mill-karatteristiċi sesswali femminili. Il-qabla li kienet preżenti fit-twelid ta' l-ermafrodit qalet li t-tarbija kienet tifla; madankollu, it-tobba li eżaminawlha l-ġenitali tagħha sabu li kellha għerq ta' raġel.

Għalhekk huma kkonkludew: 'Jidhrilna li s-sess maskili hu dominanti; madankollu, il-persuna eżaminata mhijiex kapaċi tirriproduċi'. Il-sentenza tal-Qorti mxiet fuq ir-rakkomandazzjoniet tar-rapport uffiċjali li jġib id-data tas-17 ta' Mejju 1774. Minn dakinhar 'il quddiem, Rosa ma setgħetx tilbes aktar ilbies ta' mara; l-ordni ġiet ikkomunikata direttament lil missierha Ġużeppi meta tressaq il-Qorti dakinhar stess.

Jidher li din is-sentenza kienet appellata għax fit-28 ta' Mejju kummissjoni ta' seba' tobba maħtura mill-Gran Mastru ntbagħtet Ħal Luqa biex terġa' teżamina lil Rosa. Din il-kummissjoni kienet

tinkludi għal darba oħra lil Imbert u Cabanez; magħhom kien hemm il-kirurgi Giuseppe Farrugia, Michele Grillet, Michelangelo Grima, Aurelio Badatt, u Giorgio Lucano, professur ta' l-anatomija fis-Sagra Infermerija. L-esperti ħarġu bl-istess verdett u l-appell ġie respint. Ma jeżistux dokumenti oħra li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-kumplament tal-ġrajja, imma għandna x'nifhmu li billi t-tieni opinjoni kkonfermat l-ewwel ġudizzju, Ximenes laqa' t-talba ta' Mifsud biex f'għajnejn il-liġi l-ermafrodit jibqa' jitqies bħala raġel.

**Diskrepanzi u implikazzjonijiet**

Mhux id-dettalji kollha li jagħti Aprile jaqblu ma' dawk mogħtija fir-rapport uffiċjali tat-tobba. Pereżempju hemm diskrepenza fl-età ta' Rosaria fis-sena ta' meta seħħ il-każ. Aprile jgħid li kien hemm il-biża' li Mifsud setgħet ittaqqal lil xi ħadd, filwaqt li l-esperti mibgħutin mill-Gran Mastru saħqu li kienet sterili. Aprile jgħid li Rosaria kellha vuċi femminili filwaqt li r-rapport uffiċjali jgħid li kellha vuċi maskili. Irridu ninsistu li l-verżjoni ta' Aprile, minkejja li hi kkulurita għall-aħħar, kienet mibnija fuq l-għajdut. Hu qatt ma ra lil Rosaria *in persona*; kien biss qed jirrapporta x'sema' min-nies fit-toroq. Għaldaqstant hu aktar xieraq li noqogħdu fuq ir-rapport uffiċjali.

Il-każ ta' Rosaria hu possibbilment l-ewwel każ ta' transvestitiżmu ddokumentat f'dawn il-gżejjer. B'xorti ħażina ma nafu xejn aktar dwar din il-persuna. Ma nafux kemm għexet u meta mietet. Ma nafux jekk kellhiex tibdel isimha għal wieħed maskili wara l-verdett tat-tobba. Il-każ ta' Rosaria hu interessanti mhux biss mil-lat mediku iżda wkoll mil-lat legali; għax hawn kellna każ meta s-sess ta' persuna ġie ddeterminat mhux b'intervent kirurgiku iżda b'operat tal-liġi. Il-każ jindika wkoll il-benevolenza ta' l-Ordni, għax il-Gran Mastru, minflok ma kompla jikkomplika l-ħajja diġà trawmatika ta' Rosaria Mifsud, aċċetta li tiġi rrikonoxxuta bħala raġel, minkejja li ċ-ċertifikat tal-magħmudija kien juri mod ieħor. Dan id-dritt ma naħsibx li jingħata mill-Qorti suppost progressiv ta' llum.

**MARIO CASSAR**

[1] Dr Cassar (1914-2006) hu l-awtur ta' *The Medical History of Malta* (Londra, 1965).

[2] Kopja ta' dan l-istudju qasir tinsab fil-Bibljoteka Nazzjonali - *Medica Varia II* M 610.8.

[3] Ara 'Notes for a History of Sexual Diversity in Malta', *Histories of Malta Vol. 1: Deceptions and Percetions* (Malta, 2000), p. 91.

[4] Ara 'Rosa Mifsud - A Man or a Woman?, *The Malta Independent on Sunday*, 7/11/1999, p. 14.

[5] *Liber Baptizatorum,* Vol. IV, p. 54.

[6] Joseph Micallef, *Ħal Luqa: Niesha u Ġrajjietha* (Malta, 1975), p. 141.

[7] *Ibid.*, p. 132.

[8] Bibljoteka Nazzjonali, Ms 466.

[9] Li mara tilbes il-ħwejjeġ ta' raġel, u *vici versa,* kienet strettamnet projbita mir-reġim ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

[10] Bibljoteka Nazzjonali, Bandi 1772-1779, Ms 429, ff. 80-81.

[11] Storikament, it-terminu 'ermafrodit' kien użat biex jiddeskrivi nies b'ġenitali simultanji, u għalhekk b'bijoloġija sesswali ambigwa. Fi ħdan il-professjoni medika xi wħud jippreferixxu jużaw it-terminu 'intersesswali'. Fil-bniedem, din il-kundizzjoni hi rari ħafna.